**Laqgħa Numru 32**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**9 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-5.07pm ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**32.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

32.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 30 u laqgħa b'urġenza Nru 31 li saru nhar it-Tnejn 25 t'Ottubru 2021 u l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

**32.2 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

32.2.1 Is-Sindku qed ikun avviċinat minn diversi residenti minħabba l-istorbju mill-fabbrika tal-RA Sons. Il-Kunsill iddiskutta l-materja pero' ma ssemmiet l-ebda azzjoni fuq dan.

32.2.2 Is-Sindku wera x-xewqa li tittella' produzzjoni għal żmien ir-Randan f'Masġar Blankas kif kien isir fil-passat. Il-Kunsill iddiskutta waqt li elenka l-problema li l-pandemija ġabet magħha biex wieħed itella' attivita'. Kien deċiż li l-Viċi Sindku responsabli mid-dekasteru tal-Kultura kellu javviċina lis-Sur John Attard mill-Għaqda Drammatika fuq din il-possibilita' u ssir laqgħa anke b'mod virtwali. Isemmew ukoll is-Sur Albert Marshall u anke George Mizzi li nistgħu navviċinaw biex jgħinna ntellgħu produzzjoni simili.

32.2.3 B'referenza għall-Triq Il-Kbira, is-Sindku spjega li fin-naħa ta' fuq tat-triq ma jidhirx li hemm problema għax ma waslux aktar ilmenti lill-Kunsill wara l-maltemp u xita qliel li kienet. Il-problema qed tiġi affaċċjata mir-residenti ta' ħdejn il-ġibjun fejn qed jidħlilhom l-ilma ġew kull darba li qed tagħmel ix-xita. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li jitbaxxa il-ġibjun min-naħa ta' fuq. Temporanjament għandha ssir ħadida biex l-ilma jiġi ddifferit u ma jibqax jgħaddi minn fuq il-bankina. Waqt il-laqgħa ġie kkuntattjat il-Perit biex jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu kif tista' tiġi ndirizzata l-problema. Is-Sindku spjega li trid tinsab alternattiva. Kien deċiż li kellha ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit.

32.2.4 Is-Sindku rreferra għal Triq Tal-Ħorob fejn kienu daħlu numru ta' ilmenti minn bdiewa hekk kif il-ħitan min-naħa ta' taħt tat-triq kien qed iċedi. Il-Kunsil iddiskutta li s-soluzzjoni kienet tkun li l-WSC jgħaddu bin-*New Water* minn hemmhekk u kienu jsiru l-*istorm water culverts*. It-triq kienet qed iċedi minħaba l-ilma u l-Kunsill ried jara li tinsab soluzzjoni. Kellha ssir stima ta' ħajt li ried jinbena minn taħt it-triq, dejjem bil-permess tal-istess bdiewa hekk kif biex jinbena wieħed ried jidħol ġo l-għelieqi privati. Il-ħajt irid ikollu blokki biex ikun b'saħħtu. Il-Kunsill qabel li anke f'dan il-każ kellha ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit.

32.2.5 B'referenza għal Triq Ta' Bordin , is-Sindku talab ukoll biex flimkien mal-Perit responsabli jżuru s-sit. Gie miftiehem li kellu jsir on-site meeting għas-Sibt 12 ta' Diċembru 2021 fid-9.00am. Isemm' l-materjal ta' kostruzzjoni li ġie mitfugħ li qed jagħlaq l-aċċess lil ħafna bdiewa. Il-Perit spjega li l-kuntrattur huwa responsabli mis-sit.

32.2.6 Is-Sindku irreferra ukoll għall-ħitan tas-sejjieħ Tal-Loġġa fejn qed jidħlu ħafna ilmenti li l-ħitan diġa' waqgħu bix-xita li għamel. Is-Sindku kien ġibed l-attenzjoni tal-Perit fuq dan il-fatt.

32.2.7 Is-Sindku spjega li kien avviċinah is-Sur Mario Borg fejn talbu biex jiddentifikalu post fejn jista' jħawwel elf siġra gox-Xewkija. Is-Sindku spjega li hu impossibli biex jitħawlu f'post wieħed u min-naħa tiegħu s-Sindku ddentifikalu l-buffer zone, Ulysses Grove u Ġnien Il-Ħaddiem. Min-naħa tar-Reġjun ukoll talbu biex il-Kunsill jiddentifika post biex jitħawwlu siġar biex jinħoloq masġar b'rabta mal-Platinum Jubilee tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II.

32.2.8 Is-Sindku spjega li l-offerta lil-librara biex tagħmel xi siegħat extra xogħol fil-Kunsill bi ħlas ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill ma kienx tal-fehma li għandha toħroġ sejħa.

*18.24 Il-laqgħa ġiet ssospenduta sa18.35.*

**32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

32.4.1 Il-Viċi Sindku irreferra għal Triq San Anard fejn kellu talba biex tiżdied lampa. Is-Sindku spjega li hu stess kien mar mal-Inġinier biex tiżdied din il-lampa imma l-unika ċans li tiżdied bozza kien permezz ta' trinka. Din tirriżulta fi spiża sostanzjarja. Il-Kunsill f'dan l-istadju ma kienx tal-fehma li ssir..

32.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward għalfejn il-labra tal-influenza m'għadhiex tiġi organizzat mill-Kunsill. Il-Kunsilliera elenkat li r-raġunament biex kulħadd imur il-polyclinic ma jagħmilx sens fejn qed titfa' ħafna nies f'post wieħed f'nofs pandemija.

32.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza għall-proġett li sar riċentament fil-Qrendi mmirat għal persuni bl-awtiżmu. Il-Kunsilliera Attard stqarret li tkun idea tajba li kieku l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Julia Farrugia Portelli biex b'hekk l-Kunsill ikun jista' jadotta proġett simili għal buffer zone fi Triq Jean De La Valette. Il-Kunsill iddiskutta li l-problema hi li din l-art għadha ma tappartjenix lill-Kunsill imma lill-MIP. L-ewwel trid tiġi *devoluted* biex imbagħad eventwalment tibda diskussjoni fuq x'jista' jsir. Is-Sindku spjega li min-naħa tal-MIP jixtiequ li din l-art tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Il-problema hi l-fondi u kif ħa timmaniġjaha.

32.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi żvillupi fuq Trejqet Il-Barrieri anke minħabba li residenti kontinwament itellgħu fuq Facebook fuq l-istat ħażin tagħha. Is-Sindku spjega li ħareġ min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex Framework għal-ogħti tat-tarmak. Is-Segretarju staqsiet jekk dan hux se jkun biss għar-*resurfacing* jew anke għal toroq ġodda li għadhom *white roads.*

32.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza għall-artiklu li deher fuq ix-*Shift News.* Il-Kunsilliera ħasset li riedet tiċċara kif spiċċat issemmiet hi u anke il-Kunsill fuq l-istess artiklu. Spjegat kif ċemplilha ġurnalist u staqsieha xi mistoqsijiet fuq il-*Christmas Market*, fuq il-Kumitat Ċentrali u anke fuq familjari tagħha. Il-Kunsilliera ħassitha offiża għax ma tħossx li hemm relevanza u ma kellix għalfejn tissemma' hi. Il-membri kollha tal-Kunsill waqt li fehmuha wrew solidarjeta' mal-Kunsilliera.

32.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex kif hemm Triq Kav Lorenzo Zammit Haber magħluqa jkun ideali li jgħaddu l-mejn tas-servizzi. Il-Kunsillier Zerafa spjega li ma jagħmilx sens li ssir trinka ma' Triq Sant' Elija jew ma' Triq Torri Tingi. Il-Kunsillier Domenic Zerarfa ma kienx ċert jekk kienx mgħoddi bil-lest. Is-Sindku ħa nota biex ikellem lill-Inginier tal-WSC fuq din il-materja.

32.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet semmiet Triq L-Indipendenza fejn talbet biex tiġi kkunsidrata li ssir *one-way*. Is-Sindku spjega li jekk isir dan tinħoloq problema biex wieħed joħroġ mir-raħal jekk wieħed minn Triq San Bert u anke minn Ġużè D'Amato.

32.4.6 Il-Kunsillier Jeanelle Attard issuġġerriet li ssir *Teambuilding Event* għall-membri tal-Kunsill u l-ħaddiema. Il-Kunsilliera kellha tippjana din l-attivita'.

**32.5 Il-Milied**

32.5.1 Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill iddiskuttew x'attivitajiet tal-Milied setgħu jittelgħu. Il-Kunsill kien imħasseb minħabba n-numru ta' dawk pożittivi għal Covid kien qed jiżdied. Min-naħa l-oħra kienu ħafna li kienu qed jistaqsu għall-attivitajiet simili wara nuqqas ta' kważi sentejn. Kien deċiż li l-Kunsill imexxi fuq żewġ attivitajiet waħda mmirata għall-anzjani li tkun tinkludi smigħ ta' quddiesa u wara tombla u ikla f'restorant spazzjuż u ħarġa għat-tfal bit-trejn u film is-*cinema*. Waqt li dawn it-tnejn kienu se jkunu ssussidjati mill-Kunsill, il-prezz tal-ħarġa tal-anzjani kellu jkun €15 waqt li tat-tfal kellu jkun €5. Is-Segretarju kellha tieħu ħsieb li bħala Kunsill jitħarsu l-protokoli maħruġa mill-Awtorita' tas-Saħħa.

32.5.2 Is-Sindku rreferra għall-Ikla Solidali fejn għarraf lill-Kunsill li kien tkellem mar-Reġjun biex fil-każ tax-Xewkija din l-ikla tingħata f'xi ġurnata oħra qrib il-festi imma mhux fil-Milied. Il-Kunsill qabel li kellna nitkellmu mal-Arċipriet biex b'hekk jkun hu stess li jiddentifika dawk il-persuni jew familji fil-bżonn. Il-Kunsill kellu jara jekk il-Grupp taż-Żgħażagħa fi ħdan iċ-ċentru kienx lest li jgħin fit-tqassim tar-rigal ċkejken għal dawk fis-sodda.

32.5.3 B'referenza għall-ikla tal-Milied li kien qed itella' r-Reġjun lis-Sindki, Kunsilliera a u anke Segretarji, is-Segretarju ħadet nota biex tinforma lir-Reġjun bil-lista ta' min kien se jattenda mill-Kunsill.

32.5.4 Il-Kunsill iddiskutta li l-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill u staff kellha ssir wara l-Ewwel tas-Sena. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tibbukja.

**32.6 Quartely Report**

32.6.1 Is-Segretarju ppreżentat ir-rapporti ta' kull kwart sa nofs is-sena lill-membri kollha tal-Kunsill. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**32.7 Rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Play Equipment Playingfield Ħamrija**

32.7.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-Play Equipment tal-Playingfiel tal-Ħamrija fejn il-kuntrattur rebbieħ kien Project Global Ltd. Il-Kunsill laqa' r-rakkomadazzjoni tal-Bord. Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni qed jiġi mehmuż mal-minuti.

**32.8 Korrispondenza u Ilmenti**

32.8.1 26/10/21 Cirk AKL 2021/109 Proposta Metro.

32.8.2 26/10/21 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex dwar il-vaċċin tal-Influenza.

32.8.3 26/10/21 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun fejn informa li l-Laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni ġiet ikkanċellata, d-data l-ġdida titħabbar iktar 'l quddiem.

32.8.4 26/10/21 Cirk AkL 2021/103 Festin tal-Milied għat-tfal 08/12/2021.

32.8.5 26/10/21 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun fejn informa lis-Sindki, Vici-Sindki, u Kunsilliera li l-laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni ser isir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru fl-4.00p.m. fis-Sala tal-Lukanda Kempinski San Lawrenz dan wara li rċieva korrispondenza mingħand il-Ministru għall-Edukazzjoni.

32.8.6 27/10/2021 Cir AKL 2021/107 Webinar – Info Session Sports u Attivitajiet Fiżiċi għall-Kunsilli Lokali.

32.8.7 28/10/2021 Korrispondenza mingħand MHAL Vents Committee dwar attivita li jisimha 'Borża ta' San Martin'.

32.8.8 29/10/2021: SPI/SCI/8/2021 - Finanzjament ta' Proġetti – Aċċessibilita' u Mobilita'.

32.8.9 01/11/2021 Cir AkL 2020/111 'World Town Planning Day Seminar – World Town Planning Day Conference.

32.8.10 01/11/2021 Cir AKL 2020/113 – L&M - Managing Residents Experience & Customer Care – Mentor Aid Session 17/11/2021.

32.8.11 03/11/2021 Gentle Reminder mingħand MHAL Vents Committee fuq il-"Borża ta' San Martin".

32.8.9 03/11/2021 Appell lit-Tribunal mill-Planning Authority – Xewkija Tigers, Pjazza San Ġwann Battista, Xewkija.

32.8.10 05/11/2021 Cir AKL 2021/116 Laqgħa ta' konsultazzjoni fuq installazzjoni ta' Charging pillars.

32.8.11 06/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Sindku dwar Attivita Ġnien Blankas li mhux ser issir.

32.8.12 06/11/2021 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard risposta għall-korrispondenza tas-Sindku dwar Attivita Ġnien Blankas.

32.8.13 08/11/2021 Korrispondenza lid-Direttur tal-Kunsilli fejn infurmatu li nhar is-Sibt 13 ta' Novembru, 2021 il-Kunill mhux ser ikun jista' jiftaħ.

32.8.14 08/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lid-Direttur tal-Kunsilli fejn nfurmatu li nhar is-Sibt 13 ta' Novembru kemm hi kif ukoll l-Assistant Principal jinsabu ndisposti għalhekk l-Uffiċċju tal-Kunsill mhux ser jinfetaħ.

32.8.15 08/11/2021 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fejn infurmathom li nhar is-Sibt mhux ser jinfetaħ l-Uffiċċju tal-Kunsill.

32.8.16 08/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar depositi ta' flus il-bank.

32.8.17 09/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fuq l-Inawgurazzjoni tal-Mużew tal-Iskultura, invit li ntbaghat mill-Assoċjazzjoni tar-Rotunda lis-Sindku u Kunsilliera.

32.8.18 09/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Supretendent fejn talab laqgħa mas- Sindku u Kunsilliera.

32.8.19 09/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fejn talbet lis-Sindku u Kunsilliera jgħidulha liema data jixtiequ jiltaqgħu mas-Supretendent.

32.8.20 12/11/2021 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Ms. Jeanelle Attard fejn proponiet kif jistgħu jieħdu l-istudenti tal-iskola bħal parti miċ-ċelebrazzjoni ta' Jum ix-Xewkija.

32.8.21 12/11/2021 Risposta mingħand il-Viċi-Sindku dwar dak li proponiet il-Kunsilliera Ms. Jeanelle Attard fejn qabel magħha.

32.8.22 12/11/2021 Risposta mingħand is-Sindku dwar il-proposta tal-Kunsilliera Ms. Jeanelle Attard, huwa wkoll jaqbel.

32.8.23 12/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Sindku dwar rikonnoximent għal l-istudenti li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni ta' Jum ix-Xewkija fejn huwa qabel ukoll u propona x'nistgħu ntuhom.

32.8.24 13/11/2021 Korrispondenza mingħand Ms Jeanelle Attard dwar il-proposta tas-Sindku.

32.8.25 15/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Sindku lil Kunsilliera Jeanelle Attard dwar in-nru tat-tfal li hawn ix-Xewkija.

32.8.26 15/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Sindku lil membri tal-Kunsill fejn infurmahom li il-Kumitat Ċentrali qed jitlob is-mma adizzjonali ta' €4000 ma dawk li ngħataw mill-fond tal-Kultura sabiex tkun tiġi organizzata it-tieni edizzjoni ta' Christmas in the square.

32.8.27 15/11/2021 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Ms Jeanelle Attard lis-Sindku, Viċi-

Sindku, Kunsilliera, Segretarja Eżekuttiva u Assistenti Principal fejn talbet laqgħa b'urġenza dwar il-Christmas Market.

32.8.28 15/11/2021 Cirkulari AKL 2021/119 Christmas Get Together.

32.8.29 15/11/2021 Korrispondenza mingħand il-Group tal-Ġibjun fejn qed jitlob għajnuna ta € 250 euro għall-attivita li ser jagħmel biex jiġbor fondi għall-set ta' bandalori tal-festa.

32.8.30 16/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tar-Reġjun Għawdex dwar il-Festin tal-Milied mistiedna is-Sindki, Viċi Sindki Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi.

32.8.31 16/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tar-Reġjun Għawdex dwar il-Fun Run tal-President f'Għawdex.

32.8.32 16/11/2021 Cir AKL 2021/120 Fun Routes and Enforcement Officials.

32.8.33 17/11/2021 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera dwar laqgħa b'urġenza fejn hemm annessa l-Aġenda Numru 31.

32.8.34 18/11/2021 Cir AKL 2021/121 L & M – Leading People Training Session - 01/12/2021.

32.8.35 18/11/2021 Cir AKL 2021/123 Stedina mill-President, il-Palazz nhar il-Palazz nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru, 2021.

32.8.36 19/11/2021 Korrispondenza mingħand Events Committee at MHAL Christmas Pionsettia – Reminder.

32.8.37 19/11/2021 Korrispondenza lis-Sur Hili mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fejn infurmatu li għandu 10 t'ijiem ċans biex il-Kunsill ikun jaf għadux interessat fit-Tender li ħa tal-'Asphalating Works in Xewkija.

32.8.38 19/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera dwar l-permessi li joħorġu speċjalment ta' Triq Daħla Toni Camilleri.

32.8.39 02/12/2021 Cir AKL 2020/125 Webinar – Info Session – Culture and Heritage.

32.8.40 22/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fejn bagħtet l-Agenda Nru 32 lis-Sindku u Kunsilliera li ser isir nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru, 2021 fl-4.30p.m.

32.8.41 23/11/2021 Korrispondenza mingħand JP2 foundation 'Souls & Saints commeroration to all those that passes' attivita li ser isir fix-xahar ta' Novembru il-Ħadd 28 ta' Novembru, 2021 fil-5.00p.m. fil-Knisja tal-Munxar.

32.8.42 25/11/2021 Cir AKL 2021/127 Ittra – Soċjetajiet tal-Banda.

32.8.43 26/11/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar konferma tal-għotja lil Kap tal-Iskola tal-Kulleġġ Primarja Xewkija bħas-snin l-imgħodija, li kienu jingħataw €370.

32.8.44 29/11/2021 Agenda 32 mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja

Eżekuttiva.

32.8.45 01/12/2021 Agenda 32 mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segrtarju Eżekuttiv peress li d-data tal-laqgħa kellha tinbidel.

32.8.46 01/12/2021 Cir AKL/125 – Info Session – Culture and Heritage 02/12/2021.

32.8.47 01/12/2021 Korrispondenza lis-Supretendent tal-Pulizija mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar rapport li rċieva l-Kunsill dwar ħajt li ser jaqa' fi Triq is-Salib kantuniera ma' Triq Baqqari biex jieħdu azzjoni mmedjata.

32.8.48 01/12/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera dwar il-Ħarġa tal-Milied.

32.8.49 01/12/2021 Korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sa Charlene Cassar rigward l-installazzjoni ta' Charging Pillars li ser jitwaħlu fil-viċinanza ta' NGO Cenre Triq ir-Rummiena.

32.8.50 03/12/2021 Korrispondenza mingħand il-Viċi Sindku fejn kiteb ittra tal-lis-Sindku, Kunsilliera u Staff bħala ringrazzjament tal-fjuri u prezenza fil-funeral ta' missieru.

32.8.51 03/12/2021 Cir AKL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022.

32.8.52 03/12/2021 Korrispondenza mingħand Joseph Azzopardi għan nom ta ħuħ John Azzopardi ndirizzata lis-Sindku dwar is-stat ħażin ta' Triq il-Ħorob. Din ġiet ifforwardjata lis-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera, Shawn Micallef u Staff mis-Segretarja Eżekuttiva.

32.8.53 Ilment minn residenti fi Triq Sant'Indrija minħabba v-volum ta' traffiku ta' trakkijiet kbar tal-konstruzzjoni. Is-Sindku spjega li meta titlesta Triq Tal-Lewż għandhom jsiru tabelli biex ma jgħaddux *Heavy Vehicles.*

32.8.54 Ilment minn resident minħabba l-ħass li trabba fi Sqaq Ċapelli u b'konsegwenza ta' dan jiżloq ħafna. Is-Sindku spjega li se toħroġ skema fuq l-isqaqin mill-Ministeru u dan l-isqaq tkun xi ħaġa sewwa li ssir.

32.8.55 Talba għall-mera minn residenti ta' blokka appartamenti fi Triq Sant'Eliżabetta. Il-Kunsill ma qabilx peress li din il-mera se jkunu qed jiggwadanjaw minnha r-residenti biss u anke peress li t-triq hi one-way.

32.8.56 Talba għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill mill-Għaqda tal-Ġibjun biex ikunu jistgħu jtellgħu fund-raising għal żmien it-l-Milied bil-bejgħ tal-Christmas Logs. Il-Kunsill qable li jikkolaborra għal din l-attivita' bl-ammont ta' €250.

32.8.57 Talba mill-Iscouts biex jużaw Masġar Blankas għal *Camping* fi żmien il-Milied. Il-membri tal-Kunsill qablu li jingħata dan il-permess.

32.8.58 Ilment minn residenti ta' Triq Torri Tingi biex issir l-*isleeping police* li kienet ġabet l-approvazzjoni tar-residenti. Il-Kunsill oġġezzjona għall-fatt li dawn jinvolvu spiża sostanzjarja.

32.8.59 Ilment ta' sewqan eċċessiv fit-Triq Mallia Vernon. Il-Kunsill qabel li jsir traffic management fuq din it-triq.

**32.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

32.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**32.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

30.10.1 Il-laqgħa ntemmet 7.56pm. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Jannar 2022

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |